ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 21/13**
***Kienet addottata Aġenda nru. 16/2013***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, 27 ta' Ġunju 2013**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 20/13</u>

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 20/2013 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.  Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 20/13

Dwar il-Ftehim propost ma' Datatrak fir-rigward taċ-ċitazzjonijiet li ngħataw qabel twaqqaf il-Kumitat Reġjonali għal Għawdex u li għadhom ma tħallsux, il-Kunsill qabel li jiffirma dan il-Ftehim.

Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' Tony Cefai Refrigeration għal provvista u twaħħil ta' sistema ta' arja kundizzjonata għall-kamra tal-laqgħat (€1,150).

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 40/13

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 40/2013 tat-Tlieta 21 ta' Mejju 2013 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza-:

Ċirkulari tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill intalab jipproponi żoni fejn jista' jsir tħawwil ta' siġar mill-Gvern.

Stima ta' Galea Curmi Engineering biex jitqabbad mal-linja tad-dawl tat-triq id-dawl li diġa hemm fi Triq l-Oniċi (stima tax-xogħol €846). Il-Kunsill approva x-xogħol.

Ittra anonima dwar il-ħaddiema tal-IPSL u mill-iSkema tal-ETC li jaħdmu mal-Kunsill. Is-Sindku għandu jkellem lil dawn il-ħaddiema.

Ittra mibgħuta mill-operatur tal-istabbiliment Chez Amand fil-Bajja tal-Qbajjar dwar l-estensjoni tal-bankina quddiem l-istabbiliment tiegħu. It-talba kienet rifjutata mill-Kunsill peress li t-triq ma tippermettix.

Ittra mibgħuta mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għal permess ta' żvilupp fir-rigward tal-proġett propost għal Pjazza Sta Marija tal-Virtut (minflok is-*soft area* eżistenti). Il-Kunsill approva l-ħlas tal-ammont dovut €830 lill-MEPA.

**Applikazzjonijiet għal permess tal-Kunsill Lokali**

**Deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill Lokali**

| | | |
|---|---|---|
| (i) | Eddie Vella – Gozo Jeep Tours<br>Għal ċerimonja ta' żwieġ nhar is-7 ta' Awwissu 2013 fil-Bajja tax-Xwejni. | Approvata. |
| (ii) | Kumitat tan-Nar<br>Għal attivita' soċjali nhar id-19 ta' Lulju 2013 fil-Bajja tax-Xwejni. | Approvata. |

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 14/2013 – DOK A għall-perijodu bejn it-23 ta' Mejju u l-20 ta' Ġunju 2013 kienet approvata.

## 7. FESTA SANTA MARIJA

Għall-ġranet tal-festa ta' Sta Marija, il-Kunsill approva li jorganizza dawn l-attivitajiet:

- Kunċert mill-Banda Sta Marija bil-kollaborazzjoni tiegħu l-Ħadd 18 ta' Awwissu 2013 fi Triq il-Knisja (budget ta' €1,000).
- Rapprezentazzjoni drammatika mill-Parroċċa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill it-Tnejn 19 ta' Awwissu 2013 fi Pjazza l-Assunta (budget ta' €1,000).
- Attivita' soċjali bis-sehem ta' diversi kantanti mill-Kumitat Zebbug Rovers FC bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill il-Ħamis 22 ta' Awwissu 2013 fi Triq il-Knisja (budget ta' €800).
- Tiġrijiet taż-żwiemel is-Sibt 24 ta' Awwissu 2013 (budget ta' €1,000).
- *Sky concert* nhar lejliet il-festa ta' Sta Marija (budget ta' €2,000).
- Wirja dwar l-Għaqdiet taż-Żebbuġ fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali (fuq proposta tal-Viċi Sindku).
- Kompetizzjoni ta' komponimenti bit-titlu ''Iż-Żebbuġ, Raħal b' passat, bi preżent u bil-futur'' għat-tfal mil-yr 4 sa yr 6 u studenti tal-iskejjel sekondarja (fuq proposta tal-Viċi Sindku).
- Jingħata apprezzament lill-individwi li għamlu suċċess fil-qasam partikulari tagħhom. Kull Kunsillier jinnomina ħames individwi (fuq proposta tal-Viċi Sindku).

Gie deċiż li l-ftuħ uffiċjali tal-grawnd isir nhar l-10 ta' Awwissu 2013.

Il-Kunsillier Refalo rtira mill-kamra tal-laqgħat.

Il-Kunsill approva:

- fuq proposta tal-Kunsillier Camilleri, isir plier b' lapida ta' tifkira maġenb iz-zuntier tal-knisja biex jitfakkar it-325 anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa.
- fuq proposta tas-Sindku, fuljett tal-okkażjoni b' messaġġ mill-Kunsillieri.

Il-Viċi Sindku rtira mill-kamra tal-laqgħat.

## 8. IL-PJAN TAL-ĦIDMA 2013-2015

Peress li l-Pjan tal-Ħidma għas-snin 2013-2015 u r-Rapport Annwali Amministrattiv għall-2012 kienu ċirkulati minn qabel, dawn ir-Rapporti ttieħdu bħala moqrija mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill approva l-Pjan tal-Ħidma u r-Rapport Annwali għall-2012 u kienu ffirmata mis-Sindku u s-Segretarja Eżekuttiva.

## 9. SEJĦA GĦALL-OFFERTI

PROVVISTA TA' *READY-MIX CONCRETE*

Peress li fil-ħin tal-ftuħ tal-offerti, ħadd mill-Kunsillieri ma kien preżenti għall-ftuħ tal-offerti, is-Segretarja Eżekuttiva kienet issiġillat iż-żewġ offerti mitfugħa.

Is-Segretarja Eżekuttiva fetħet l-offerti mitfugħa li kienu ta' Vella Bros Ltd u Gatt Enterprises Ltd. L-offerti kienu ser jiġu mgħoddija lill-Perit biex jagħmel ir-rapport tiegħu.

## 10. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

Dwar ilment 18/2013 biex isir traqqiegħ bil-konkos ta' Triq tal-Ħluq, is-Sindku għandu jagħmel *site visit*.

Ilment 19/2013 – Marlene Zammit
Ilmentat dwar il-bandli tal-*playing field* taż-Żebbuġ. Il-Kunsill qabel li jibdel il-bandli kollha tal-*playing field*.

Ilment 20/2013 – is-Sindku Nicky Saliba
Isir sinjal li juri l-ħinijiet tal-berġa. Il-Kunsill approva li ssir tabella bil-ħinijiet.

Ilment 21/2013 – Daphne Palmer Morewood
Talbet biex isiru *double/single lines* fuq kull naħa tal-entratura tal-garaxx ta' Panorama Crt, Triq Għajn Mhelhel. Tintalab timmarka fuq *site plan* fejn qed titlob li jsiru s-sinjali.

Ilment 22/2013 – Ruben Said

Issir tabella li turi biex ma jsirx għawm fl-is*lipway* tal-Bajja tax-Xwejni.  Il-Kunsill ftiehem li jgħaddi t-talba lill-Awtorita' Marittima.

Ilment 23/2013 – Marija Cini
Talbet biex tinbidel il-bankina ta' quddiem ir-residenza 29A, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.  Ġie deċiż li ssir *site visit*.

Ilment 25/2013 – Alfred Saliba
Isir ħadid protettiv mal-bankina tar-residenza St Paul, Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.  Il-Kunsill approva li jsir ħadid mal-bankina minħabba ħsara li kienet issir minn inġenji kbar; jagħmel ix-xogħol Chris Xuereb.

Ilment 27/2013 – Joseph Cefai
Talab biex titħammel il-bokka tal-wied ta' Kuljat.  It-talba kienet approvata; jagħmel ix-xogħol Richard Axiaq.

Ilment 29/2013 – Ġanni Vella
Talab biex jitħammel il-wied fl-inħawi Ta' Milied.  It-talba kienet approvata; jagħmel ix-xogħol Richard Axiaq.

Ilment 30/2013 – Leli Cini
Talab biex jitneħħa terrapien minn ġo rampa fi Triq Wied l-Abjad li tafa' Richard Axiaq meta fix-xitwa naddaf xi toroq fl-egħlieqi.  Ser nitkellmu ma' Richard Axiaq.

Ilment 28/2013 – Joe Cini
Issir bankina quddiem ir-residenza 'Mirage', Triq il-Kaċċaturi.  It-talba kienet approvata.

Ilment 31/2013 – Baskal Farrugia
Tinbidel il-bankina ta' quddiem 'Sagħtrija Flts', Triq is-Sagħtrija.  It-talba kienet approvata.

Ilment 36/2013 – is-Sindku Nicky Saliba
Is-Sindku ressaq dawn it-talbiet:

- isiru tnax-il toqba għall-antarjoli tal-festa fi Triq iż-Żebbuġ.
- jitranġaw il-globi ta' fuq iz-zuntier tal-knisja u jinżebgħu l-fanali ta' Triq il-Knisja.
- titranġa t-Triq Ta' Ġinju.
- titranġa l-grada ta' *water culvert* fi Triq il-Knisja.

Il-Kunsill approva x-xogħlijiet.

Ilment 37/2013 – Ġakbu Zahra

Talab biex jitwitta l-wied fil-limiti ta' Triq Wied l-Infern. Il-Kunsill ftiehem li jitlob il-parir tal-Perit tal-Kunsill.

Ilment 39/2013 – Jane Saliba
Talbet biex titwaħħal lampa ġdida mar-residenza 'FrankJane', Triq il-Mitħna. It-talba kienet approvata.

## 11. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva li jsiru dawn ix-xogħlijiet:

- it-traqqiegħ bil-*cold asphalt* tat-toroq urbana, Triq is-Sagħtrija, Triq Għajn Mhelhel u Triq Wied l-Infern.
- isiru marki mal-art 'SLOW' fi Triq Dun Karm Cachia.
- isiru *reflectors* mal-kurduna tal-bankina li għada kif saret fi Triq ix-Xwejni kantuniera ma Triq il-Batterija.

Is-Sindku għarraf lill-kamra li nfurmat li kien ser jinħatt il-logħob tan-nar taż-Żebbuġ u ta' bnadi oħra fil-Bajja tal-Qbajjar. Is-Sindku ddikjara li hu ma jaqbilx li jidħol xi nar fil-Bajja tal-Qbajjar.

Dwar iċ-ċint tal-Qbajjar, kien miftiehem li ssir *site visit* mal-Perit.

## 12. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fid-8.45 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |